# Batteriji Mibnija minn Mikiel Cachia



Kitba ta' Kan. Rev. Joe Abela

## Mexxej Nazzjonali fil-Qawmien kontra l-Franċiżi

Mingħajr ebda dubju ta' xejn **Mikiel Cachia** (1760 - 1839), Żejtuni, wieħed mill-mexxejja nazzjonali fil-Qawmien kontra l-Franċiżi, kien wieħed mill-akbar patrijotti li twieldu fiż-Żejtun. Trabba fit-triq illum jisimha Triq Diceta, mal-ġenb tal-Kappella ta' Sant'Anġlu Martri. Intefa' fuq ix-xogħol tal-bini, u fiż-żgħożija tiegħu għen lil missieru fil-bini tan-navi tal-Knisja Parrokkjali. Meta kellu 27 sena, siefer Ruma u Napli fejn kompla l-istudji tiegħu fl-arkitettura. Meta ġie lura Malta, kien għadu żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, ma damx ma akkwista l-fama ta' inġinier militari bl-affari tiegħu. Mhux ta' b'xejn illi malli faqqgħet ir-rewwixta tal-Maltin kontra l-oppressuri Franċiżi nhar it-3 ta' Settembru, 1798, **iż-Żwieten mill-ewwel għażluh bħala l-konsulent militari tagħhom.** Taħt id-direzzjoni tiegħu attakkaw il-polverista ta' Bormla u rebħu t-Torri ta' San Tumas, Wied il-Għajn, minn idejn il-Franċiżi. Wara li organizza d-difiża taż-Żejtun, **Mikiel Cachia bena numru ta' batteriji biex jiddefendi l-kampanja minn xi attakk tal-Franċiżi,** li l-Maltin kien irnexxielhom jasseddjaw fil-Furjana, il-Belt Valletta, il-Kottonera, u l-Forti Tignè u Forti Manoel. Bagħat liż-Żwieten Dun Salv Montebello u Vinċenzo Borg iġibu l-ikel minn Sqallija. Cachia nħatar rappreżentant Iż-Żejtun fil-Kungress Nazzjonali mwaqqaf minn Alexander Ball. Wara li l-Franċiżi tkeċċew minn Malta, fl-1801 ingħata l-midalja tad-deheb **"Petrie Libertè"**, bħala gratitudni għas-sehem li ta fir-rebħa. Fid-9 ta' Novembru tal-istess sena, tela' l-Ingilterra bħala membru tad-delegazzjoni li talbet l-indipendenza għall-Gżejjer Maltin. Wara dam is-snin jgħix fil-Belt Valletta mpjegat tal-Gvern Ingliż u ħażżeż il-pjanti tal-ġonna li Ball bena għall-mexxejja Maltin. Kellu tifel li sar saċerdot. Miet fiż-Żejtun nhar l-24 ta' Jannar, 1839.

## Jieqaf il-Bini tal-Fortizzi

L-aħħar għoxrin sena tal-Ordni ta' San Ġwann hawn Malta kien żmien diffiċli għall-industrija tal-bini tal-fortizzi f'Malta. L-Ordni kienet tilfet ħafna mid-dħul finanzjarju tagħha fir-Rivoluzzjoni Franċiża u naqqset ħafna x-xogħol tal-bini f'Malta. Inbena biss, fil-fatt, Torri Tignè. Mat-tkeċċija minn Malta tal-Ordni mill-Franċiżi waqaf il-bini kollu, mal-miġja tal-Ingliżi fost il-Maltin, li ħafna minnhom kienu mpjegati fil-kostruzzjoni, reġgħet twieldet it-tama li jerġgħu jinħolqu l-impjiegi. Iżda, sfortunatament mhux hekk ġara. Meta Malta għaddiet għal kollox f'idejn l-Ingliżi mat-Trattat ta' Pariġi, **ma kien hemm l-ebda skop għalfejn jiżdiedu l-fortizzi f'Malta.** Il-Kavallieri kienu bnew biżżejjed! Għall-perjodu ta' mhux anqas minn 60 sena, ma nħass l-ebda bżonn ta' bini ta' fortizzi oħra. Hekk ħafna mill-bennejja Maltin u l-imgħallmin (capomastri) tagħhom sfaw bla xogħol. Iżda mhux kollox ġara f'daqqa!

## Imgħallmin Maltin iżommu ħajja s-sengħa tal-bini

Wara l-waqfien tat-tradizzjoni tal-bini fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri, kienu l-"capomastri" u l-bennejja Maltin li, għal ftit taż-żmien, żammew ħajja s-sengħa tal-bini. **Dawn il-ħaddiema u mgħallmin Maltin urew il-kapaċità tagħhom matul is-sentejn li l-patrijotti Maltin żammew lit-Truppi Franċiżi assedjati wara s-swar u fil-fortizza mibnija mill-Kavallieri.** U aktar tard, meta l-Franċiżi tkeċċew mill-Gżejjer Maltin, dawn l-imgħallmin sabu xogħol fil-proġetti pubbliċi mibdija mill-Gvern Ingliż. Il-kapaċità ta' dawn in-nies mill-ewwel ġibdet l-attenzjoni tal-qawwiet militari Ingliżi. Fis-sena 1799, il-Ġeneral Ingliż Graham kiteb lis-superjuri tiegħu fl-Ingilterra, fejn tagħhom tagħrif dwar il-fortizzi mibnija prinċipalment minn imgħallmin Maltin. Kienu l-Ingliżi lil Matteo Bonairo ħattruh bħala assistent inġinier. **U Mikiel Cachia kellu ħafna xogħol bħala "capomastro" fil-kostruzzjoni tad-difiżi Maltin kontra l-Franċiżi.** Cachia kien wieħed mill-aktar arkitetti Maltin magħrufa ta' żmienu, u kien saħansitra serva ta' ajjutant tal-Kavallieri kmandant tal-milizja ż-Żejtun fi żmien l-Ordni.

## Battalji mibnija minn Cachia

Fi żmien ir-rewwixta, Cachia bena l-batteriji Maltin **Tal-Borġ** (Raħal Ġdid), **Kordin, il-Marsa, Santu Rokku, Żabbar** u **ż-Żejtun** (tas-Salib u tal-Caspio),

bħala parti mid-difiża semi-ċirkulari li kienet iddawwar f'morsa lit-truppi Franċiżi fl-ibliet. Din id-difiża Maltija kienet tkompli fuq in-naħa l-oħra tal-Port ta' Marsamxett, bil-batteriji tas-Samra, faċċata tal-Bombi, Sqaq Ciappara, Ta' Dokini, Għemmuna, Imrabat, Tat-Twila, Għargħa, sakemm iċ-ċirku kien jispiċċa bil-batterija ta' Qala Lemli, faċċata ta' Torri Tignè okkupat mill-Franċiżi. Dawn il-batteriji kienu kollha mibnija jħarsu direttament lejn il-qawwiet Franċiżi difiżi mis-swar mibnija ironikament mill-Maltin stess fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri. **Dan il-batteriji kienu magħqudin bejniethom permezz ta' ħajt rinforzat bil-ġebel mill-ħitan tas-sejjieħ.**

## Batteriji f'saħħithom

Forsi wieħed jaħseb li dawn il-batteriji kienu xi ħaġa ta' kafkaf, bla ebda valur militari serju. Iżda dan ma kienx il-kas. Biżżejjed ngħidu li kienu huma, u l-kuraġġ tas-suldati Maltin, mgħejjuna minn forzi barranin, li żammew għal sentejn sħaħ lis-suldati Franċiżi magħluqa wara s-swar. **Fil-fatt kienu jixħtu lill-mezzi ta' difiża mibnija snin qabel fiż-żmien il-Kavallieri matul ix-xtut tal-Gżejjer Maltin.** Ma kinux xi torrijiet kbar u mastiċċi bħal, ngħidu aħna t-Torrijiet ta' San Luċjan u San Tumas, iżda kienu mezzi ta' difiża aktar baxxi, bil-parapetti tagħhom b'saħħithom u art taħt il-kanuni ffurmata minn ġebel tal-qawwi. Il-ħitan tagħhom faċċata tal-għadu Franċiż kienu għolja biżżejjed biex warajhom jistkennu s-suldati Maltin, u kellhom fetħiet (lambużuni) għal madwar tliet kanuni kull wieħed. Veru li fuq wara, in-naħa li tħares lejn il-kampanja Maltija, kienu pjuttost miftuħin, iżda difiża fuq din in-naħa ma kellhomx bżonn, għaliex ma kinux jistennew attakki minn din in-naħa. Il-Franċiżi ftit li xejn ippruvaw joħorġu mis-swar, u meta ppruvaw tant sabu oppożizzjoni mill-Maltin, li malajr kellhom jirtiraw għal wara s-swar. Kull batterija, fil-wesgħa wara l-kanuni, kellha magazin għall-munizzjon u kenn għas-suldati, **"magazin sotteraneo coperto con troglio a prova di bomba".** Dan il-magazin taħt l-art kien imwaqqaf mod sod bi still li l-Maltin isejħulu "dahar ta' ħmar" **(barrel vault).** Xi wħud minn dawn il-magazin kienu kbar biżżejjed li f'kull wieħed minnhom setgħu jistkennu madwar mitt suldat Malti! Ċerti kwadri mpittra minn Antonio Grech juri li fuq il-parapetti u s-soqfa tal-magazin kienu jifirxu saffi ta' ħamrija ħamra għal aktar protezzjoni, u biex fil-kas li jintlaqtu b'xi bomba tal-għadu, il-ġebel tagħhom ma jitfarrakx b'konsegwenza li joqtol jew li jferi xi suldat Malti.

## Cachia fi żmien l-Ingliżi

Fi żmien l-Ingliżi, Antonio Cachia ġie maħtur "Capo Mastro delle Opera Pubbliche", impjieg li jixbah dak ta' Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi ta' żmienna. **Mikiel Cachia nħatar "Capo Mastro dei Beni Rustici".** Matteo Bonairo nħatar "Soprastarte alle strade" u Clementi Mifsud "Soprastante alle moli". L-Ingliżi waqqfu **"Public Property Board"** biex tamministra l-artijiet li qabel kienu tal-Kavallieri u tieħu ħsieb l-infrastuttura. **Iż-Żejtuni Mikiel Cachia nħatar membru ta' dan il-kumitat** fis-sena 1803 bir-responsabbiltà li jieħu ħsieb l-akwadotti pubbliċi. Fis-sena 1805 hu kien **"perito"** u **"agrimensore"**, u kien jiffirma ta' **arkitett** jew **"geometra"**, skont ix-xogħol li kien ikun għamel.

**Nota: Dan l-istudju hu bbażat fuq il-ktieb ta' Dr Stephen Spiteri.**



Disinn ta' Stephen Spiteri